**55. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, jipproponi:**

Billi l-Ordni Permanenti 120B jipprovdi li l-Kamra tista' taħtar, b'mozzjoni li ssir wara li jingħata avviż, dawk il-Kumitati Permanenti li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jikkonsidraw abbozzi ta' liġi jew xogħol ieħor miġjub quddiem kumitat permanenti jew lilu riferut mill-Kamra;

Skont l-istess Ordni Permanenti 120B:

Il-Kamra qiegħda b'din il-Mozzjoni taħtar Kumitat Permanenti Aġġunt sabiex jikkonsidra Abbozzi ta' Liġi u Xogħol Ieħor, hawn aktar 'l isfel f'din il-Mozzjoni msejjaħ "il-Kumitat Permanenti Aġġunt";

Illi l-istess xogħol ieħor, apparti l-konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, għandu jikkonsisti f'xogħol miġjub quddiem il-Kumitat Permanenti Aġġunt jew lilu riferut mill-Kamra;

Il-Kamra qiegħda b'din il-Mozzjoni tistabbilixxi li l-għadd ta' membri li għandhom joqogħdu fuq il-Kumitat Permanenti Aġġunt għandu jkun rappreżentattiv b'mod ġust tal-kompożizzjoni tal-Kamra b'mod ġenerali u proporzjonali skont l-għadd ta' membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni u li għandu jkun ta' sebgħa, b'dan li erbgħa minnhom ikunu min-naħa tal-Gvern, inkluż il-President tal-istess Kumitat Permanenti Aġġunt, u tlieta minnhom ikunu min-naħa tal-Oppożizzjoni. Il-Kamra tinnomina bħala President li għandu jippresjedi l-istess Kumitat Permanenti Aġġunt, lill-Onor. Ramona Attard, filwaqt li l-membri l-oħra tal-Kumitat jiġu nominati skont kif jipprovdi l-Ordni Permanenti 120B(3);

B'dan illi kull naħa tal-Kamra jkollha d-dritt għas-sostituzzjoni tal-membri nominati kif provdut fl-Ordni Permanenti 120B(4).

**22.07.2026**